MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 990/2003

**Malta Drydocks proprio u ghan-nom ta` Manoel Island Yacht Yard**

**vs**

**Yachtsman Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fid-29 ta` Settembru, 2003, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Il-korporazzjoni attrici proprio et nomine tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta` ghoxrin elf, sitt mija u erbgha u erbghin centezmu (Lm20,600.44) bilanc tal-prezz ta` fornituri, xoghol u servizzi esegwiti fuq inkarigu taghha.

Is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet interpellata diversi drabi anke ufficjalment.

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attrici proprio et nomine s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. tikkundannha thallas lill-korporazzjoni attrici is-somma ta` ghoxrin elf, sitt mija u erbgha u erbghin centezmu (Lm20,600.44) bilanc tal-prezz ta` forrnituri, xoghol u servizzi esegwiti fuq inkarigu taghha kif fuq inghad.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta` Marzu, 2003 u tal-ittra ufficjali tal-21 ta` Mejju, 2003, li tibqa` ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-24 ta` Ottubru, 2003, li in forza tieghu gie akkordat lis-socjeta` konvenuta l-fakulta` li tikkontesta l-kawza u tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha, u ordnat li l-kawza tipprocedi bi procedura normali;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Il-konvenut m`huwiex il-legittimu kontradittur billi, ma kienx hu li ikkontratta ghal xi xogholijiet ma` l-attur u ghalhekk id-domandi atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Subordinatament u bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti qatt ma accetta li jassumi xi dejn ta` terzi u ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

3. Bla pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta` l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-Manoel Island Yacht Yard taghmel xoghol ta` tiswija u servizzi ohra, inkluzi servizzi ta` hazna, fuq yachts u dghajjes simili. Fost ohrajn, din ghandha relazzjoni ta` xoghol mal-kumpanija konvenuta li minn zmien ghal zmien taghti ordnijiet ta` xoghol u / jew servizzi fuq diversi dghajjes. Mhux kontestat li s-socjeta` konvenuta kienet taghmel l-ordnijiet indikati mill-attur, pero`, is-socjeta` konvenuta tallega li l-ordnijiet kienet taghmilhom bhala agent tad-diversi sidien tal-yachts in kwistjoni.

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-attur harrek lis-socjeta` konvenuta f`isimha proprju, u cioe`, fil-kapacita` taghha personali, u mhux bhala rappresentant tas-sidien tal-yachts, u, ghalhekk, jekk jirrizulta li s-socjeta` konvenuta fil-kapacita` taghha personali ma dahlet f`ebda relazzjoni guridika mal-attur, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda (ara “Camilleri vs Gollcher Co. Ltd”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta` Mejju, 2006).

Issa, f`dan il-kaz, is-Sur Edgar Warrington, f`isem is-socjeta` konvenuta, xehed li meta kien jigi avvicinat mis-sidien ta` yachts, huwa jew kien ilaqqa s-sid mal-attur u dawn tal-ahhar jiftiehmu bejniethom x`tip ta` xoghol ikun mehtieg li jsir, jew jiehu l-ordni hu minghand is-sid tad-dghajsa, u jikkuntratta direttament hu mal-attur. F`kaz li jagixxi bl-ahhar alternattiva, ma jistax jinghad li s-socjeta` konvenuta ma tkunx dahlet f`relazzjoni diretta mal-attur. Kif intqal fil-kawza <u>“Bianchi noe vs Sullivan et noe”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-8 ta` Mejju, 1979, f`kull kaz *“…jinhtieg li ssir distinzjoni bejn id-diversi kwalitajiet ta` agenziji marittimi li jezistu, stante li n-natura guridika taghhom tvarja skond il-funzjonijiet li jizvolgu, u tista` wkoll tvarja minn kaz ghal kaz”*. Ghalkemm, f`dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta kienet tqis ruhha bhala agent tas-sidien tal-yachts, dawn, fil-verita`, kienu klienti taghha, u, hafna drabi, meta l-klienti jkunu jridu servizzi, kienu jaghmlu l-ordni mas-socjeta` konvenuta, u din kienet tikkuntatja lill-attur jew kuntrattur iehor, biex iwettaq l-ordni li kienet irceviet.

Anke meta s-socjeta` konvenuta kienet tintroduci lill-klient mal-attur, dan aktar sar biex in-natura u d-dettalji tas-servizzi jigu diskussi direttament mis-sid tal-yacht u l-kuntrattur, pero, ir-relazzjoni guridika xorta baqghet mas-socjeta` konvenuta. Apparti l-fatt li s-socjeta` konvenuta ma iddistingwitx bejn dghajsa u ohra, cioe`, f`liema kaz ghamlet l-ordni direttament hi u f`liema kaz laqqet il-klient mal-attur, hu fatt li l-kuntratt, ancorche` mhux dejjem b`mod formali, kien jigi konkluz mas-socjeta` konvenuta direttament. Hu prezunt bil-ligi li min jikkuntratta, ikun qed jaghmel hekk f`ismu, u min jallega li agixxa f`isem haddiehor irid jipprova dan b`mod car u konkludenti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza <u>“Portelli vs Theuma”</u>, deciza fit-30 ta` Gunju, 1982, min jallega agenzija irid jipprova dan l-istat, u c-cirkostanza tal-hlas ta` kummissjoni mhiex waheda prova ta` dan.

F`dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta ma ghamlitx din il-prova. Jirrizulta li l-ordnijiet kienet taghmilhom hi, u l-invoices u l-statements tal-bilanc dovut kienu jintbghatu mill-attur lis-socjeta` konvenuta f`isimha proprio. Din tal-

ahhar qajmet kontestazzjoni dwar il-*quantum* tas-somma mitluba, pero`, qatt ma oggezzjonat ghall-fatt li l-invoices kienu jigu intestati lilha personalment.

Hu rilevanti wkoll li, wara li bejn il-partijiet, kienet saret laqgha fit-8 ta` Novembru, 2002, li fiha gew diskussi l-pendenzi ta` bejniethom, l-attur irreveda l-istatement li kien baghat lis-socjeta` konvenuta, u l-gdid intbghat lilha fit-13 ta` Novembru, 2002.  Dan l-istatement l-gdid intbghat wkoll lis-socjeta` konvenuta fil-kapacita` taghha personali, u din id-darba is-socjeta` konvenuta mhux biss ma ilmentatx, izda talbet dilazzjoni ghal hlas u ghamlet pagament akkont ta` Lm400 minghajr rizervi.  Fil-fatt, sar pagament iehor ta` Lm500 xahar wara, u wkoll ma sarux rizervi jew kummenti fuq l-istatement.  Hu pruvat li waqt il-laqgha tat-8 ta` Novembru, 2002, is-Sur Warrington, ghas-socjeta`  konvenuta, kien indika li ghal xi uhud mill-items ma kellux ihallas hu, izda direttament sid il-yacht in kwistjoni, u l-attur, biex jasal f`konpromess, kien eskluda mill-istatement il-gdid l-invoices li s-Sur Warrington kien oggazzjona ghalihom.  Wara li inhareg statement rivedut, ma sarux oggezzjonijiet ohra u, anzi, saru zewg pagamenti akkont.  Din il-Qorti, ghalhekk, hi konvinta li s-socjeta` konvenuta hi personalment responsabbli ghal hlas mitlub mill-attur.

Dwar l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, hu principju legali li jkun hemm rinunzja ghall-istess meta d-debitur, bhala fatt, jammetti li hu debitur, u, aktar, meta jaghmel hlasijiet akkont tal-kreditu pretiz. F`dan il-kaz, mhux biss jirrizulta li fil-laqgha tat-8 ta` Novembru, 2002, is-socjeta` konvenuta irrikonoxxiet li, ghal xi ammont, hija kienet debitrici tal-attur, izda sussegwentement, precisament fit-22 ta` Novembru, u fis-17 ta` Dicembru, 2002, ghamlet pagamenti akkont, b`mod li, allura, irrikonoxxiet id-debitu taghha u irrinunzjat ghal kull terminu ta` preskrizzjoni.  L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta a bazi tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 hi, ghalhekk, michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta`

konvenuta, tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta` Lm20,600.44 (ghoxrin elf, sitt mitt Lira Maltin u erba` u erbghin centezmu), bl-imghax legali mill-21 ta` Mejju, 2003, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------